Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**Kawża numru 88/2015**

Il-Pulizija
(Insp. Frank A. Tabone)

vs

**Derrick Vella** ta' 22 sena iben Mario u Michelle nee' Camilleri, imwieled ir-Rabat Għawdex, nhar l-4 ta' April 1993 u residenti Mattew Crt, Fl 3, Triq Patri Mattew Sultana, Xagħra Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16093G.

**U**

**Franswa Mizzi** ta' 18 sena iben Carmel u Josephine nee' Cutajar, imwieled ir-Rabat Għawdex, nhar l-20 ta' Ottubru 1997 u residenti Carmike, Triq il-Qbajjar, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 34497G

**Illum il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra l-imputati fejn dawn ġew akkużati talli nhar l-4 ta' Settembru 2015 għal ħabta ta' bejn is-siegħa (1.00pm) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm) minn ġewwa l-fond 'Villa Ġanna', Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-gżejjer;

1. Ikkomettew serq ta' flus kontanti u diversi oġġetti oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u b'ammont li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ) ghad-detriment ta' Gerrit Vogel, Frank Tempel, Dorte Tempel u/jew persuni oħra.

2. U aktar talli nhar id-9 ta' Diċembru 2015 u fil-ġranet ta' qabel f'ħinjiet differenti ġewwa dawn il-gżejjer xjentement ilqajtu ghandkom jew xtrajtu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indħaltu sabiex tbiegħom jew tmexxihom għad-detriment ta' Gerrit Vogel, Frank Tempel, Dorte Tempel u/jew persuni oħra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Semgħet lill-imputati jammettu l-akkużi kif dedotti.

Il-Qorti, għalhekk in vista' ta' din l-ammissjoni u dan wara li wissiet lill-imputati sabiex jerġgħu jikkunsidraw din l-istess ammissjoni, ssibhom ħatja tal-akkużi kif dedotti u wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 466 tal-Liġijiet ta' Malta għal perijodu ta' tlett (3) snin b'effett mil-lum.

Maġistrat